A.L. 173 ta' l-1997

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ordinamenti ta' l-1997 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D- fil-Fakulta tal-Liġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakulta' tal-Liġi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu l-Ordinamenti ta' l-1997 għall-Grad ta' *Doctor of Philosophy* -Ph.D,- fil-Fakultà tal-Liġi.

(2) F'dawn l-ordinamenti kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakultà tal-Liġi; u

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' *Doctor of Philosphy* - Ph.D.

Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Lulju 1995 'l quddiem.

Ir-Reġistrazzjoni

3. Minbarra r-rekwiżiti mniżżlin fir-Regolamenti għall-Grad ta' *Doctor of Philosophy* (Ph. D), kandidat reġistrat għall-Grad fil-Fakultà tal-Liġi għandu jissodisfa l-ordinamenti li ġejjin.

4. Qabel ma jirreġistra għall-Grad, kandidat għandu normalment ikun meħtieġ jirreġistra l-ewwel għall-grad ta' Master of Philosophy (M.Phil.) fil-Fakultà tal-Liġi. F'ċirkostanzi eċċezzjonali biss kandidat għandu jkun ikkunsidrat għar-reġistrazzjoni diretta għall-Grad.

5. It-tibdil tar-reġistrazzjoni minn *Master of Philosophy* (M.Phil.) għal Doctor of Philosophy (Ph.D.) m'għandux ikun permess qabel it-tmiem ta' tnax-il xahar ta' studju *full-time* jew erbgħa u għoxrin xahar ta' studju *part-time*, skond il-każ, wara r-reġistrazzjoni għall-grad ta' *Master of Philosophy* (M.Phil), u dan biss fuq ir-rakkomandazzjoni tas-supervizur tal-kandidat u bl-approvazzjoni tal-Bord.

It-Teżi

6. Ma' l-applikazzjoni tiegħu l-kandidat għandu jagħti l-proposta ta' riċerka ta' madwar 1,500 kelma. Il-proposta ta' riċerka għandha tindika l-qasam preċiż ta' riċ erka u b'mod partikolari x'inhu ġdid fil-proposta ta' riċerka.

7. Fir-rakkomandazzjoni ta' superviżur, il-Bord għandu jiżgura li s-superviżur għandu l-perizja meħtieġa f'dak il-qasam partikolari ta' għerf.

8. Kull tibdil fit-titolu tat-teżi għandu l-ewwel ikun approvat mill-Bord, fuq ir-rakkomandazzjoni bil-miktub tas-superviżur, u wara għandu jkun sottomess għall-approvazzjoni tas-Senat.

9. It-teżi m'għandiex tkun itwal minn 100,000 kelma, minbarra bibljografiji, appendiċi u glossarji.

10. L-istudent għandu jkun meħtieġ jissottometti erba' kopji tat-teżi, ittajpjati jew stampati, u llegati kif xieraq għall-skop ta' l-eżami orali. L-istudent għandu jkun meħtieġ jieħu miegħu għall-eżami orali kopja oħra tat-teżi llegata bl-istess mod u ppaġnata.

11. It-teżi għandha tikkonforma mar-regolamenti dwar il-format u l-preżentazzjoni għat-teżijiet għall-Ph.D., approvati mill-Bord.